MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 498/2009

**Jovan Mizzi personalment, Mizzi Group Limited (C21948) u Unitrade Limited (C9456)**

**-vs-**

**IFIX Trade Limited (C38861)**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors mahluf presentat fil-25 ta’ Mejju 2009 li jghid hekk:-

“1. Permezz ta’ skrittura ta’ lokazzjoni DOK A datata 8 ta’ Awissu 2006, ir-rikorrenti krew lill-kumpannija intimata l-parti kummercjali tal-fond maghruf bhala Millennia, f’Aldo Moro Street, Marsa, versu l-kera hemm imsemmija ;

2. Il-partijiet immodifikaw l-imsemmija skrittura bi qbil permezz ta’ korrispondenza b’*e-mail* datata 2 ta’ Marzu

2009 (DOK B) bis-sahha ta' liema l-kera miftiehma u pagabbli hija s-somma ta' mija u sittin elf Ewro (€160,000) eskluz il-VAT ghas-sena 2008, u mija u tmenin elf Ewro (€180,000) eskluz il-VAT ghas-sena 2009, pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem ;

3. Il-kumpannija intimata hija moruza fil-hlas tas-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin elf tliet mija u sebgha u tletin Ewro (€125,337) inkluz VAT rappresentanti 'l fuq minn zewg skadenzi ta' kera tal-fond imsemmi ;

4. Il-kumpannija intimata m'hijiex solvibbli u hemm perikolu serju illi r-rikorrenti ma jithallsux il-kera dovuta lilhom, tant illi l-fornituri esteri tal-intimati qed jippruvaw jimpussessaw ruhhom mill-*istock* propjeta' tal-intimati esistenti fil-hanut mikri, izda r-rikorrenti waqqfuhom anke l-ghaliex jgawdu l-privilegg moghti lilhom bis-sahha tal-Art.2009(e) tal-Kap.16 fuq l-*istock* esistenti fil-hanut ;

5. Ghalhekk hemm ksur tal-ftehim DOK A izda l-obbligu kuntrattwali tan-notifika ta' ittra ufficjali li taghti hmistax lid-debitur moruz sabiex jezegwixxi l-obbligu tieghu hu newtralizzat bl-artikolu 1079 tal-Kodici Civili li jnehhi l-jedd taz-zmien moghti lid-debitur ;

6. Id-dejn huwa cert, likwidu u esigibbli, kif jirrizulta mill-affidavit tar-rikorrent (DOK C) u jezistu l-kundizzjonijiet sabiex ir-rikorrenti jitolbu l-hlas tal-kera u l-izgumbrament tal-intimat mill-fond *de quo*, *oltre* d-danni ghall-okkupazzjoni sa dakinhar li kumpannija intimata ccedi l-pussess effettiv tal-fond mikri favur ir-rikorrenti *ai termini* tal-Art.167 tal-Kap.12 ;

Tghid il-ghaliex l-kumpannija intimata din il-Qorti m'ghandhiex, prevja li taghmel
kull dikjarazzjoni u taghti kull provvediment opportun, u bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-Art.167 tal-Kap.12 :

1. Tiddikjara lill-kumpannija intimata moruza fil-hlas tas-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin elf tliet mija u sebgha u tletin Ewro (€125,337) rappresentanti 'l fuq minn

zewg skadenzi ta’ kera tal-fond Millennia, f’Aldo Moro Street, Marsa, dovuta kif suespost ;

2. Tikkundanna lill-kumpannija intimata thallas il-kera dovuta lir-rikorrenti ;

3. Tikkundanna lill-kumpannija intimata tizgombra mill-fond Millennia, f’Aldo Moro Street, Marsa, fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti ;

4. Tikkundanna lill-kumpannija intimata thallas lir-rikorrenti dik is-somma talvolta likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, anke bl-assistenza ta’ periti nominandi, dovuta in konsiderazzjoni ta’ danni ghall-okkupazzjoni sad-data tal-effettiv rilaxx tal-pussess tal-fond mikri, kif mahsub fl-Art. 167(1)(b) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni Civili.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta’ Qbid presentat kontestwalment ma’ din il-procedura, u bl-imghax skond il-ligi.”

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi.

Rat id-dokumenti esebiti mill-atturi mar-rikors mahluf

Rat in-nota ta’ Charles Farrugia ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ konvenuta presentata <u>llum</u> waqt l-udjenza ta’ din il-kawza fejn <u>ammetta</u> t-talbiet attrici kif dedotti kif ukoll fejn iddikjara li s-socjeta’ konvenuta kienet disposta taghti lura <u>immedjatament</u> il-pussess tal-fond mertu ta’ din il-kawza.

Rat li t-talbiet attrici kienu debitament ippruvati anke bl-ammissjoni da parti tas-socjeta’ konvenuta.

**Ghalhekk din il-Qorti in vista tal-premess taqta’ u tiddeciedi din il-kawza kif gej:-**

**<u>Tilqa’ l-ewwel talba</u>** tal-atturi u tiddikjara lill-kumpannija konvenuta moruza versu l-atturi fil-hlas dovut tas-somma ta’ mija u hamsa u ghoxrin elf tliet mija u sebgha u tletin

Ewro (€125,337) rappresentanti ’l fuq minn zewg skadenzi ta’ kera tal-fond Millennia, f’Aldo Moro Street, Marsa.

**Tilqa’ t-tieni talba** u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta’ mija u hamsa u ghoxrin elf tliet mija u sebgha u tletin Ewro (€125,337) bhala arretrati ta’ kera tal-fond Millennia, f’Aldo Moro Street, Marsa, bl-imghax legali mid-data tan-notifika tar-rikors mahluf.

**Tilqa’ t-tielet talba** u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex sa zmien perentorju ta’ hmistax-il jum (15) mil-lum tizgombra mill-fond Millennia, f’Aldo Moro Street, Marsa.

**Tilqa’ r-raba’ talba** u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex b’effett mil-lum sad-data tal-effettiv rilaxx tal-pussess tal-fond in kwistjoni a favur tal-atturi, thallas lill-atturi s-somma ta’ erba’ mija tlieta u disghin Ewro hmistax-il centezmu (€493.15) ghal kull gurnata jew parti minnha li l-kumpannija konvenuta ddum tokkupa l-fond Millennia, f’Aldo Moro Street, Marsa, bl-imghax legali b’effett mil-lum,

**L-ispejjes kollha ta’ din il-kawza, komprizi dawk tal-Mandat ta’ Qbid presentat kontestwalment mar-rikors mahluf, jithallsu mis-socjeta’ konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------